MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 489/2007

**European Pilot Academy Ltd (C35885)**

**Vs**

**Christ Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta’ Gunju 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erba` mija u tlieta u sebghin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€473.21) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra n-nota ta’ riduzzjoni tas-socjeta` attrici li permezz taghha rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ wiehed u disghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (Euro 91.58), bl-imghax mit-23 ta’ April 2008 (Prospett anness bhala Dok A), u li fiha zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-4 ta’ Lulju 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ wiehed u disghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€91.58) bl-imghax mit-23 ta’ April 2008, u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------